# Kunsill Lokali Ħal Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404.
Telefon : 21689168, 21641487, 21640290 Fax : 21689796
E-Mail : safi.lc@gov.mt Web Page : www.localcouncils.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tmienja u tletin (38) tal-Kunsill Lokali Hal Safi (KLĦS), li nżammet nhar it-3 ta' Settembru, 2009 fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Deputat Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jimmy Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv (DSE) |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |

1. Qabel ma bdiet din il-laqgħa is-Sindku stieden lill-Omar Schembri, il-*Head Coach* tan-*nursery* tal-KLĦS sabiex jagħti aktar dettalji lill-kunsillieri dwar x'hemm bżonn li jsir biex nippreparaw tajjeb għall-istaġun li ġej tal-logħob tal-ballun. Omar Schembri ippreżenta *samples* ta' ***gearijiet* tal-futbol** li se jkunu rrakkomandati lit-tfal sabiex jixtruhom huma ħalli jilgħabu bihom. Dawn huma ta' ditti bħal *Diadora* li jinkludu *tracksuit,* flokk, *shorts* u kalzetti (€65), dik tal-Pharmacos, Lotto, li inkludiet mat-*tracksuit, rain jacket*, u basket (€75), kif ukoll l-istabbiliment *Team Sport* ta' l-Iklin li qed jippreżenta d-ditta *Macron* tal-*cotton* u *polyester* li jinkludu flokk, *shorts,* kalzetti, *tracksuit, rain jacket* u basket għal €63. Il-Kunsill Lokali Ħal Safi għażel id-ditta *Macron* għaliex il-kulur ċelesti jaqbel mhux biss mal-bandiera tal-lokal iżda wkoll mal-*kits* tas-sena l-oħra u għalhekk min diġa' għandu, jista' jibqa' juża l-istess *kit*. Omar Schembri qal ukoll li n-*nursery* bil-fors trid sett addizzjonali ta' *gearijiet* biex it-tfal jilgħabu bihom u dan l-istabbiliment se jagħtihomna għal prezz ta' €279 flok €540.

2. Dwar il-laqgħa li normalment issir għal ġenituri fil-bidu ta' l-istaġun; minnflok se ssir matul il-ġimgħa, kien suġġerit li din issir meta jkun diġa' beda t-taħriġ xi darba l-Ħadd fil-għodu. Kien deċiż li nġibu lil *speaker* mill-*Youth Football Club* ħalli jindirizza lil dawk preżenti. Intant, għandha wkoll issir stedina formali sabiex nippruvaw inressqu voluntiera li potenzjalment jistgħu jieħdu f'idejhom l-**iffurmar ta' kumitat sportiv** u t-twaqqif ta' Football Club ta' Ħal Safi, biex finalment niġu rikonoxxuti mill-MFA.

3. Dwar il-proposta ta' **logħob fil-faċilitajiet sportivi tal-Kulleġġ San Benedittu** f'Ħal Kirkop, intqal li l-ispejjeż huma għolja wisq biex għal kull logħoba ta' siegħa u nofs wieħed iħallas €32.61.

4. Intant il-**KLĦS approva stima ta' blalen**; tnax il-ballun *size* 4 u tnax il-ballun *size* 3 bis-€6 kull ballun, *sett lasti żgħar* u *set of rings* għal €724 li se jkunu ridotti bi €200 oħra.

5. Hekk kif intemmet il-laqgħa mal-*Head Coach* ħadu posthom mal-mejda tal-kamra il-**Grand Prior of the Maltese Islands, Chev Meli Attard, Military and**

**Hospitalier Order of St Lazarus of Jerusalem - Malta** flimkien ma' Alexis Callus biex ikun diskuss it-tabellaġġ li se jsir mas-siti storiċi ħalli jassistu l-*Heritage Trail* li qed tinħadem biex nippromwovu aktar il-lokalita' tagħna. Chev Meli Attard, introduċa ruħu billi qal li hu jirrappreżenta grupp ta' kavallieri internazzjonali għal skop filantropiku taħt l-isem tar-*Rotary Club International.* Diġa' kellhom l-opportunita' jaħdmu ma xi kunsilli oħra anke ma' dak tal-Birgu dwar *tagging systems* u hemm il-ħsieb li jsir ukoll proġett bi sħab mal-Kunsill Lokali Mdina. Huwa pprovda samples tal-*perspex, beechwood* (materjal tad-dgħajjes) u *plastik* biex dawn ikunu jistgħu jitwaħħlu ma' propjetajiet antiki mal-ħajt jew fuq stand. Dawn huma tal-kumpanija www.sphericalonline.com; info@sphericalonline.com. Is-Sur Meli ta deskrizzjoni tax-xogħol li kellha l-Ordni ta' San Giovanni u mar lura sa' l-1098 filwaqt li minn dak iż-żmien ħareġ is-salib tal-kavallieri bil-kulur aħdar li jista' jitpoġġa faċilment bħala logo fuq it-tabelli daqs ta' A4 li minn stimi li nġiebu xi xhur ilu kien jammontaw għal madwar €22.

6. Publius Abdilla informa lil mistiedna **fejn se jsiru dawn it-tabelli** wara li staqsa Alexis Callus jekk hux se jsiru fil-Ħlantun. Id-diskussjoni kompliet billi kienu analizzati l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-metodoloġija li biha se jitwaħħlu dawn it-tabelli, billi saħansitra kien ikkunsidrat jekk jistgħux ikunu *vandalproof.*

7. Id-diskursata kompliet billi intqal li l-Ordni ta' San Lazzru kienu jgħinu anke saħansitra lill-għedewwa tagħhom. Għalhekk ir-relazzjoni bejnietna tista' tkun waħda ta' rispett u dawn jistgħu jgħinu lill-komunita' ta' Ħal Safi saħansitra bil-preżenza tagħhom b'diversi modi. Issemmew l-attivitajiet tal-KLĦS speċjalment f'dawk li huma fuq aspetti kulturali, edukattivi u wkoll fejn tidħol **għajnuna *hands on* u pariri tekniċi** kif irrakkomanda l-kunsillier Jimmy Busuttil. Għajnuna finanzjarja, kif ippropona l-kunsillier Eddie Bonello hija ferm apprezzata mill-KLĦS.

8. Issemma' li b'dan l-involviment ta' sitt elef membru madwar id-dinja kollha ir-raħal jitla' fuq livell internazzjonali. Bħala konklużjoni kien propost li naraw eżattament kemm se jsiru tabelli, nieħdu stima tagħhom, jiġi magħżul il-materjal u mbagħad nerġgħu niddiskutu. Għal dan il-għan il-*contact person* se jkun Alexis Callus. Tħallew is-*samples* fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill u ssemmew proposti kif nistgħu **nippromwovu aktar il-*Heritage Trail* billi jsiru *leaflets*** li jistgħu jitqassmu mhux biss mill-KLĦS, iżda wkoll mill-Iskola, Għassa tal-Pulizija ecc. Huwa mportanti ħafna li jkun hawn mappa ta' Ħal Safi fejn it-turist jista' jirreferi għaliha. Waħda aġġornata għandha tinbidel ma dik li hemm bħal issa mal-ħajt tal-Kunvent tas-Sorijiet. Il-mistiedna ħarġu mil-kamra tas-seduta fis-7:00pm.

9. Is-Sindku ħalla titkellem lis-Sinjura Doris D'Amato dwar problema ta' ilma tax-xita fi Triq in-Newba kantuniera ma Triq il-Biedja. Hija qalet illi quddiem il-*garages* hemm **bankini li kienu ġew għoljin aktar mir-ranep tal-garages.** Filwaqt li kienet skartata l-proposta ta' kostruzzjoni ta' *gutter* minn Francis

Callus, hija qalet li jekk titbaxxa l-bankina quddiem *sitt garages,* din il-problema ma tibqax tippersisti. Għal din il-proposta is-Sindku qal li se nippruvaw nagħmlu l-bankina mingħajr dewmien bil-ħaddiema tagħna.

10. **Proposta għal bankina** oħra tul ta' tliet kurduniet quddiem *garage* fi Triq ta' Ġawhar kienet imressqa mis-Sindku u din ukoll kienet **approvata mill-KLĦS.**

11. Inqraw il-minuti tas-seduta preċedenti mid-DSE u dawn ġew approvati u ffirmati bil-korrezzjonijiet li sarulhom tul din il-laqgħa.

12. Dwar il-festa tar-raħal Francis Callus staqsa kemm-il darba tbattlu il-***bins-on-wheels*** li kien hawn skjerati f'diversi postijiet. Publius Abdilla għamel osservazzjoni, li kien hemm diversi kaxxi tal-birra li tħallew wara l-bibien tal-każini flok ma dawn kienu mitfugħa fil-*bins*. Francis Callus staqsa wkoll min se jħallas għall-*bins-on-wheels,* jekk hux il-KLĦS jew il-Każin San Pawl. Hawn is-Sindku qal, li dawn qalagħhom il-Kunsill, se jħallas għalihom hu, u tbattlu kull jum.

13. Eddie Bonello talab għal aktar **sorveljanza mill-Pulizija** fil-ġnien ta' Triq il-Biedja minħabba li qed ikun hemm ħafna taħwid fil-għaxijiet kif ukoll li jsiru r-rapporti lill-awtoritajiet konċernati. Il-KLĦS se jikteb lill-Uffiċjal Awtorizzat sabiex il-gwardjani lokali jagħmlu aktar **sorveljanza fi Triq iż-Żurrieq** speċjalment nhar it-Tnejn, 7 ta' Settembru, 2009 l-għada tal-festa ta' Sta Katerina taż-Żurrieq. Eddie Bonello sostna li din is-sena ġara bħas-sena l-oħra, li minkejja li l-Pulizija kienu avżati, xorta kellu jpoġġi l-barikati hu biex ingħalqet, Triq il-Menqa kantuniera ma Triq l-Iskola, fil-festa. Hawn intqal illi jista' jkun li din kienet fil-post u xi ħadd neħħiha biex jgħaddi u ħalliha f'ġenb.

14. Dwar il-ordni ta' xogħol għar-restawr ta' l-istatwa ta' San Ġużepp se jkun ivverifikat l-ammont li ssottomettejna lir-restawratur Frank Chetcuti jiġifieri dik ta' €472 hix bil-vat inkluża jew le. Hawn il-viċi sindku ssuġġerixxa biex jittieħdu r-**ritratti ta' kif inhi n-niċċa llum qabel ix-xogħol.**

15. Dwar il-***hoarding wall*** li ssemma' kemm-il darba, id-DSE qal li ma jistax **jintbgħat il-kont lill-individwu** jekk ma nkunux nafu kemm ittieħdet mit-triq f'metraġġ. Hu qal li it-tul faċli tkun tafu, iżda l-wisa' peress li dan hu irregolari, trid bil-fors tkun taf x'kienet il-linja tal-bini. Hawn is-Sindku qal li jista' jitkejjel it-tarmak li hemm fuq in-naħa ta' ġewwa tal-ħajt u dan se jkun possibbli mill-Perit tal-Kunsill meta jitkejjel it-tarmak ta' l-Isqaq tal-Karwija.

16. Jidher li fl-**attivita' li kienet organizzata mill-Kumitat tad-Day Centre fi żmien il-festa** bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa fis-sala tal-Kunsill, kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni tajba. Infatti fl-avviżi tal-Parroċċa intqal li din kienet għal kulħadd mentri dawk tad-Day Centre sostnew li din kienet għal membri biss. Intant jidher li din kienet waħda tajba u l-KLĦS hu sodisfatt.

17. Dwar il-***litter bins* fi Triq l-Iskola**, Eddie Bonello baqa' jsostni illi dawn inqalgħu u reġgħu twaħħlu filwaqt li skond Ignatius Zammit (il-ħaddiem tal-KLĦS) u s-Sindku, dawn qatt ma kienu inqalgħu. Madankollu fil-21 ta' Awissu, dawn **inqalgħu mil-post** fuq ordni tas-Sindku, minħabba l-abbuż ta' tfiegħ ta' materjal jinten fihom li kien qed ikun ta' theddida għat-tfal ta' l-iskola minn xi ħadd bla kuxjenza.

18. Issemma' għal darba oħra l-**użu tal-ġeneratur mis-sidien tal-kabbani tal-festa**. Dawn il-persuni kellmuhom kemm Eddie Bonello kif ukoll Jimmy Busuttil. Bħala konklużjoni intqal li s-sena d-dieħla xahrejn qabel il-festa hemm bżonn li jinħareġ avviż fil-gazzetta tal-Gvern ħalli jkunu spustjati l-posti tagħhom għal Triq il-Menqa u dawn jarmaw quddiem ir-raba. Intant, talba minn ċertu Meldon Muscat (sid ta' kabbana) sabiex jitlob refużjoni tal-permess tal-posta numru 8 kienet miċħuda mill-Kunsill għaliex dan fil-fatt rema' f'posta numru 1.

19. Dwar iż-**żebgħa tat-toroq** issa l-KLĦS hu sodisfatt mill-provista' l-ġdid ta' S & R Handaq.

20. Fil-jiem li ġejjin se nikkomunikaw mas-sid tal-**appartamenti** magħruf bħala ta' l-aħmar dwar **nuqqas ta' ndafa minn skart maħruġ barra mill-inkwilini.** Dwar dan, se tinġibed l-attenzjoni wkoll ta' l-Ispettur Sanitarju. Madankollu intlemaħ skart maħruġ ukoll fil-viċinanzi minn appartament ieħor bl-isem *Qalb ta' Ġesu'* li dwaru wkoll se ssir referenza.

21. Dwar il-**mappa fuq il-*perspex*** li ssemmiet aktar kmieni biex titwaħħal mal-propjeta' tas-sorijiet, se **ssir talba lill-Bank of Valletta** biex jisponsorjawhielna.

22. Se jintalab ukoll l-appuntament mas-Sur Dalmas tal-MIA biex issir spezzjoni fl-ajruport viċin Triq il-Karwija fil-preżenza tal-Perit Musumeci dwar **ilma tax-xita li jista' jkun maħżun ġewwa l-ajruport.**

23. Mill-korrispondenza inqalgħet l-istima ta' **manutenzjoni tal-makna tal-fotokopji**. Din tammonta għal €785. Peress li din mhix antika ħafna, il-KLĦS iddeċieda li l-manutenzjoni ssir għaliex ma nistgħux ngħaddu mingħajrha peress li tintuża wkoll bħala printer.

24. Kont minn *Masco Security* dwar **manutenzjoni fuq *alarm*** fl-iskola li jammonta għal €35.40 se jkun referut lilhom minkejja li meta saru x-xogħlijiet infetaħ il-post mill-iskrivana tal-KLĦS.

25. **Refużjoni** oħra mill-Kumitat tal-Partit Laburista li tammonta għal €4.64 kienet awtorizzata mill-KLĦS għal triq li suppost kienet okkupata bl-imwejjed u s-siġġijiet waqt il-festa, meta t-traffiku tħalla jgħaddi minnha għaliex ma kienetx magħluqa mill-Pulizija. Dan kien permess li ħareġ aktar kmieni mill-KLĦS. Osservanza oħra li saret f'din it-triq, kien waqt il-marċ ta' fil-għodu. Hawn intqal li l-**karozzi tħallew ipparkjati** f'din it-triq meta xi kunsillieri ippretendew li

dawn ikunu imneħħija. Madankollu meta kienu kkonsultati l-pulizija, dawn qalulna li l-parkeġġ ikun abolit mit-toroq fil-purċissjoni biss.

26. **Talba li saret formalment minn *Safi Southsiders*** sabiex jużaw il-*ground* tal-futbol, kienet aċċettata parzjalment minn dan il-Kunsill. Infatti l-KLĦS qed jipproponi li dawn jew jilgħabu fil-ground tal-Kunsill, kull nhar ta' Sibt u darba minnhom tkun mingħajr ħlas jew jibbukkjaw bi ħlas darbtejn matul il-ġimgħa u l-KLĦS jikkonċedi li l-logħob tas-sibtijiet ikun mingħajr ħlas.

27. Għamilna kemm stajna biex nippromwovu l-attivita' nazzjonali proposta mill-Ministeru tat-Turiżmu u s-Segretarju Parlamentari Chris Said, dwar il-**festa tal-bnadar** bejn il-11 u t-13 ta' Settembru, 2009, billi **tqassmu l-posters** lil dawk kollha li għandhom arblu fuq il-bejt.

28. Se jkun avviċinat **Dr Gauci MD** biex naraw x'aħna obbligati minħabba li kellu **jassisti tifla li ħassa ħażin f'waħda mill-attivitajiet ta' Skola Sajf** organizzata mill-KLĦS. Din l-avventura issa waslet fi tmiemha b'wiċċ il-ġid, minkejja xi inċertezza fil-bidu tagħha minħabba biża' mis-*Swine Flue.*

29. Inqrat l-ittra mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta dwar **parkeġġi fi Triq Bieb il-Ġarra,** li dwaru kienet kitbet is-Sinjura Olivia Sammut lill-Ombudsman.

30. Il-Gvern Ċentrali **irdoppja l-għotja** tiegħu li se jagħti lill-KLĦS biex iwaħħal **pannelli fuq il-bejt tal-Bini Amministrattiv ħalli juża l-enerġija mix-xemx**. Dwar ir-rata tal-bejgħ ta' elettriku lill-Enemalta se naraw jekk hux bl-istess prezz li nixtruh aħna minn għandhom.

31. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi u Taħriġ (ETC) offritilna lil **Jesmond Camilleri,** cleaner, biex jipparteċipa fl-iskema ***Community Work Scheme.*** Hawn intqal illi jekk dan mhux se jagħmel xogħol ta' qtugħ tal-ħaxix bl-imgħażqa, kontra qalbna jkollna nirrifjutawh.

*32.* Se nibdew il-**proċeduri biex jinħatar Segretarju Eżekuttiv** kif marbutin b'avviż li irċevejna matul dawn l-aħħar jiem. Hawn is-DSE qal li f'każ li r-raħal jaqbeż l-2000 ruħ, skond Kap 363, Chap 51, il-KLĦS jkollu jingaġġa persuna *full time.* Madankollu is-Sindku qal li hu diġa' kellem lil Dr Chris Said dwar din il-materja u peress li l-2000 jinqabżu bi ftit, se jkun hemm eċċezzjoni mid-dipartiment. Intant se niktbu lill-ETC ħalli nibdew il-proċeduri filwaqt illi id-DSE se jikkjarifika uffiċjalment din il-ħaġa tal-*part/full time.*

33. Ma' kien hemm l-ebda żviluppi ġodda fil-konfront ta' l-eks Segretarju Jason Cutajar. Madankollu nhar l-10 ta' Settembru, 2009, fit-3:00pm se niltaqgħu għand in-nutar biex isir il-ftehim formali. Intant is-**Sindku se jagħmel *draft* ta' dan il-kuntratt lin-nutar** u jibgħatulha ħalli Ms Mary Camilleri Cutajar tkompli tiżviluppah.

34. Il-ħaddiema tal-Kunsill se jkunu qed jiddiżinjaw u jibnu it-**tinda** sabiex jistkennu l-ispettaturi taħta u kien hemm diskussjoni dwar il-materjal li għandu jkun użat. Din se titpoġġa mal-ħajt ta' l-Iskola viċin **il-*ground* tal-futbol.**

35. Dwar il-**ftuħ tal-uffiċċju tal-Kunsill nhar ta' Sibt fil-għodu**, intqalu diversi punti. Madankollu intlaħaq ftehim biex f'każ li l-iskrivani volontarjament jagħżlu li jagħtu sehmhom darba kull wieħed, il-ħlas ikun dak tas-siegħa, siegħa u nofs ta' Dorianne Zammit u dak bir-rata normali ta' Doris Baldacchino, peress li din qiegħda fuq bażi ta' kuntratt u mhix fil-*payroll.* Intant id-DSE talab li r-risposta ta' dawn, tkun formali daqs kemm se tkun formali it-tweġiba li se jagħti hu lid-Dipartiment sal-ġurnata li staqsa għaliha. Hu qal li kemm-il darba l-impjegat jidhirlu mod ieħor, wara sena jkollu l-fakulta' li jirrevedi l-pożizzjoni tiegħu.

36. Is-Sindku saħaq ukoll li **fil-KLĦS jinħatar Awditur/*Accountant* privat** biex l-infieq ikun regolat aktar u jsir ippjanar aħjar. Dwar it-*terms of reference* biex jinħareġ dan il-kuntratt, għad fadal x'wieħed jiddiskuti.

37. **Kienet approvata l-Payment Approval Sheets numri 28 u 29** minbarra l-kontijiet tal-Koptasin għal xogħol ta' U-bars €114 u dawk ta' Polidano Bros f'paving blocks €2879.20 u bilanċ ta' €5670.25 u Jimmy Busuttil talab rendikont ta' x'daħal u xi ntefaq dan l-aħħar mis-sistema tal-LES biex naraw kemm din hija sostenibbli.

38. Il-viċi Sindku talab li **jinqalgħu xi tabelli tat-traffiku minn Triq San Tumas** minħabba xogħol ta' kostruzzjoni li jrid isir u ma jistax jibda' bihom.

39. Il-laqgħa ntemmet fl-10:15pm u se ssir laqgħa oħra ħmistax-il ġurnata oħra fl-istess ħin.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 17/9/09 minn Pietru Pawl Busuttil
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku